# IL-KNISJA L-OMM TAL-BIBBJA?

Minn

George Ebejer

# IL-KNISJA L-OMM TAL-BIBBJA?

Jistqarru bil-jedd xi awtoritajiet Kattoliċi Rumani li l-Knisja Kattolika Rumana hija l-omm tal-Bibbja? It-tweġibas hija Iva ! John A. O'Brien kiteb:

> "'Il-bogħod milli nkunu ostili għall-Bibbja, il-Knisja Kattolika hija l-vera omm tagħha. Hija ddeterminat liema huma l-kotba tar-reliġjon mill-ħafna kitba iċċirkolata bħala ispirata fiż-żminijiet Kristjani tal-bidu, ġabrithom kollha flimkien fi ktieb wieħed, ħarsithom mill-qerda tal-qtajja ta' invażuri barbari li daħlu ġewwa l-Ewropa, u ttraduċiet għal ħafna lingwi qabel mal-Protestantiżmu ra d-dawl tal-jum" (The Fatih of Millions" Huntington, Indiana: O*ur Sunday Visitor*, 1955, pp. 142-43).

> "Kieku hi ma ddikjaratx il-kotba li jiffurmaw it-Testment il-Ġdid li huma *ispirati*, il-Kelma ispirata ta' Alla, aħna ma konniex inkunu nafuh dan."

> "L-unika awtorità li dawk li mhumiex Kattoliċi għandhom għall-ispirazzjoni ta' l-Iskrittura hija l-awtorità tal-Knisja Kattolika" (Ibid., p. 145).

X'għandna xi ngħidu aħna għal dawn il-ħwejjeġ kollha?

1. **L-ewwel,** *il-Knisja Kattolika Rumana ma kinetx teżisti fl-ewwel seklu lanqas għal żmien twil wara ma kienet fl-eżistenza!* Meta mmorru għall-ewwel seklu għat-Testment il-Ġdid, aħna nsibu li hemm ħafna differenzi bejn il-knisja irrivelata fih u l-Knisja Kattolika Rumana. Huma *jassumu* li huma l-knisja tat-Testment il-Ġdid, imma ma jistgħux jippruvaw l-assunzjoni tagħhom!

2. **It-tieni,** *il-Lhud taż-żmien ta' Ġesù setgħu jgħidu illi l-Iżraeliti kienu taw it-Testment il-Qadim, billi dan kien irrivelat permezz ta' Mosè u l-profeti, illi huma kienu aċċettaw dawn il-kotba bħala ispirati u mhux oħrajn, li huma kienu ġabruhom fi ktieb wieħed, li huma kienu ħarsuhom mill-qerda, u li dan kien ħafna qabel ma Ġesù Kristu ġie.* Ġesù wera li għalkemm il-Kelma ta' Alla kienet mogħtija lilhom permezz tal-profeti, *huma għamlu l-kelma fiergħa permezz tat-tradizzjonijiet tagħhom* (ara Mark 7:1-12). Il-Kattoliċi Rumani ma jistgħux jittraċċjaw lura għal Ġesù Kristu kif il-Lhud jistgħu jittraċċjaw lura għal Mosè. Iżda wkoll jekk huma jistgħu, dan ma jagħmlilhom ebda ġid sakemm huma wkoll jippruvaw li *huma issa jgħallmu dak li l-appostli u l-profeti għallmu fl-ewwel seklu!* Dan huma ma jistgħux jagħmluh, għaliex ukoll għalkemm igħallmu xi ħwejjeġ mgħallmin fit-Test-ment il-Ġdid—u l-Lhud ta' żmien Ġesù għallmu xi wħud mill-ħwejjeġ mgħallmin fit-Testment il-Qadim —madankollu,

huma ġabu l-Kelma ta' Alla u ħafna ħwejjeġ oħra *fix-xejn* permezz tat-tradizzjonijiet tagħ-hom.

3. **It-tielet,** *jekk il-Knisja Kattolika Rumana hija l-awtorità li fuq il-kelma tagħha aħna għandna naċċettaw il-Bibbja, fuq liema bażi għandna aħna naċċettaw l-awtorità tal-Knisja Kattolika Rumana?* Għaliex aħna għandna naċċettaw il-kelma tagħha? Xi prova hemm li hi titkellem bl-awtorità? Jekk hija ssostni li awtorità bħal din kienet mogħtija lilha f'Mattew 16:18, (li fil-fatt ma kienetx) aħna nwieġbu li jekk aħna naċċettaw il-Bibbja fuq l-awtorità tal-Knisja Kattolika Rumana huma ma jistgħux imbagħad jippruvaw l-awtorità tal-Knisja Kattolika Rumana permezz tal-Bibbja! Int ma tistax tipprova l-Bibbja li hija l-Kelma ta' Alla bl-awtorità tal-Bibbja tipprova li l-Knisja hija l-awtorità! Huwa minnu, iżda, li f'li nittraċċjaw il-kotba tat-Testment il-Ġdid lura għall-ewwel seklu, aħna nittraċċjaw lura matul ir-riferenzi magħmula minn kittieba umani matul is-sekli mill-jiem ta' l-appostli. Fil-fatt, aħna wkoll għandna x-xhieda ta' xi nies li għexu waqt il-ħajja ta' l-appostli. Madankollu, m'aħniex nappellaw għax-xhieda tagħhom biex nippruvaw bl-awtorità tagħhom illi din il-kitba hija mill-appostli u l-profeti. Kif tista' l-Knisja Kattolika Rumana, waqt li tkun qed tittratta ma' wieħed li ma jkunx jemmen, tipprova l-kitba tat-Testment il-Ġdid? Dan hija ma tistax tagħmlu permezz ta' l-awtorità tagħha stess għaliex dak li ma jemminx ma jaċċettax dik l-awtorità! Hija għandha tagħmel dan kif nagħmluh aħna. Il-Kattoliċi Rumani għandhom juru li hemm raġunijiet tajba, l-ewwel fost kollox, f'li taċċetta lil Ġesù bħala 'l Kristu. Hu kien

ipprofetizzat permezz tal-profeti, eċċ. Imbagħad aħna nittraċċjaw mat-Testment il-Ġdid bħala kotba ta' storja. Għalkemm aħna nemmnu li huma ispirati, madankollu, waqt li nkunu qegħdin nittrattaw ma' wieħed li ma jkunx jemmen, aħna għandna nittraċċjawhom l-istess kif nagħmlu għal kull ktieb ieħor ta' storja. Kif ipoġġiha C.C. O'Connor, awtorità Kattoliku:

> "Fil-qosor, aħna nistgħu nkunu ċerti li ktieb ta' storja huwa ta' min jafdah jekk aħna nistgħu nkunu żguri li l-awtur kien kittieb infurmat tajjeb u onest—wieħed li kien f'pożizzjoni li jkun jaf dwar xhix qiegħed jikteb, u li semma l-fatti kif tassew dawn ġraw—u li l-ktieb tiegħu wasal għandna mingħajr ebda bdil sostanzjali. Jekk dan kien mibdul f'xi mod importanti matul iż-żmien, dak ikun biżżejjed biex ipoġġieh barra mid-dar għalkollox bħala xogħol ta' storja li tista' toqgħod fuqha. Jekk dan kien għadu l-istess, iżda, kif kien meta nkiteb fil-bidu, allura hu ovvju li ma jagħmel ebda differenza kemm dan għandu żmien, lanqas ma jagħmel xi differenza jekk il-kopji ta-għna kienu biss traduzzjoni—sakemm, ċertament, it-traduzzjoni kienet waħda tajba u bil-fedeltà kollha esprimiet is-sens ta' l-oriġinal. Aħna sejrin naraw illi l-

kittieba tal-Vanġeli kienu nfurmati sewwa u sinċiera; illi huma ma setgħux li forsi setgħu kienu ngannati dwar il-fatti tal-ħajja tal-Mulej tagħna u t-tagħlim Tiegħu; illi huma ma kellhom ebda xewqa li jingannaw lil xi ħadd, imma sempliċiment jgħidu l-verità u xejn ħlief il-verità kollha; u li l-Vanġeli nfushom ġew għandna sostanzjalment l-istess kif dawn kienu miktuba minn SS. Mattew, Mark, Luqa u Ġwanni. Ikkunsidra biss bħala kotba ta' storja, għalhekk, il-Vanġeli huma assolutament tassew u ta' min joqgħod fuqhom." (The Gospels As Books of History, New York: *The Paulist Press* 1927, p. 4.)

Fil-ktejjeb tiegħu, l-awtur kien qiegħed biss jittratta ma' l-erba' Vanġeli, imma l-istqarrijiet tiegħu dwarhom jindikaw kif hu jittratta mal-kotba l-oħra tat-Testment il-Ġdid. Għalhekk, waqt li jkun qiegħed jittratta ma' l-individwi li ma jaċċettawx il-Bibbja bħala li hija l-Kelma ta' Alla, il-Kattoliku infurmat ma jgħidx li int għandek taċċetta l-Bibbja għaliex il-Knisja tgħid hekk, imma hu juri kif aħna nittestjaw id-dokumenti tat-Testment il-Ġdid bħala dokumenti ta' storja u kif huma ġew bl-unuri kollha!

Il-Kattoliku Ruman infurmat jaċċetta d-dokumenti tat-Testment il-Ġdid mhux sempliċiment għaliex il-knisja tgħid hekk, imma għax il-knisja tgħid li dawn huma ispirati; jiġifieri, dawn id-dokumenti kienu mik-

tuba mill-appostli u l-profeti ta' l-ewwel seklu. Biex iddeterminaw dan, huma jittraċċjawhom matul l-istorja, l-istess kif kull wieħed jittraċċja kull dokument ieħor. Kif H.S. Miller, li mhuiwex Kattoliku, wera:

> "Sabiex ktieb ikun jista' jiġi mgħarraf bħala kanoniku, bħala li jistħoqqlu post fil-Liġi Qaddisa tal-Knijsa, erba' testi-jiet huma applikati:
>
> (1) **Awtorità divina.** *Ispirazzjoni*. Huwa dan ispirat? Kien dan mogħti minn Alla permezz ta' l-Ispirtu s-Santu, permezz tal-bnie-dem jew ġie dan mill-bniedem biss?
>
> (2) **Kitba umana.** Kien dan mitkub, mifli, jew iffirmat minn profeta jew kelliemi ta' Alla?
>
> (3) **Ġenwinità.** Huwa dan ġenwin? Jista' dan ikun ittraċċjat lura għaż-żmien u għall-kittieb li minnu dan juri li ġie? Jew, jekk il-kittieb ma jistax ikun imsemmi pożittiva-ment, jista' jkun muri li dan fih l-istess suġġett, f'kull punt essenz-jali kif dan kellu meta nkiteb?
>
> (4) **Awtentiċità.** Huwa dan awtenti-ku? Huwa dan veru? Huwa dan rakkont ta' fatti reali, tassew?

(General Biblical Introduction: From God to Us, Houghton, New York: *The Word-Bearer Press*, 1947, pp. 88-89).

a) **Manuskritti**. Mijiet ta' kopji jinsabu li wieħed jista' jarahom minn sekli differenti. F.F. Bruce għandu ktieb tajjeb li jġib l-isem ta' *Are the New Testament Documents Reliable?*

b) **Verżjonijiet** jew traduzzjonijiet tal-kotba tat-Testment il-Ġdid għal lingwa oħra.

ċ) **Kwotazzjonijiet** fil-kitba ta' nies mhux ispirati.

d) **Listi ta' kotba,** bħall-biċċa lista misjuba fil-*Muratorian Fragment*, li ġġib id-data madwar 170 W.K.

Kif wera H.L.Hastings:

"Pawlu, jikteb lil Korintin dwar il-qawmien ta' Kristu, bil-miftuħ iddikjara li huwa mhux biss waħdu rah ħaj fil-glorja wara l-kurċifissjoni Tiegħu, imma li aktar minn 250 persuna, barra mill-appostli, kienu f'dak il-ħin igħixu fuq l-art, li kienu raw lil Kristu rxuxtat; u Ġwanni u l-oħrajn kitbu u tkellmu dwar dak li għajnejhom kienu raw, u li widnejhom kienu semgħu, u jdejhom kienu żammew mill-Kelma tal-Ħajja. U dawn il-kotba u rakkonti mniżżla, aw-tentikati billi fihom it-*tislima* "mill-id" ta' l-appostlu nnifsu, li kienet *is-sim-bolu f'kull epistola*, kienu

kkuppjati u meħuda minn knisja għall-knisja; u dawk ta' wara ma kinux imdaħħla fi sħubija ma' ta' qabel wara eżaminar l-aktar iebes u bl-aktar attenzjoni ta' awtentiċità. U dan kien qabel ma xi kunsilli ekkleżjastiċi kienu msejħa jew kien għad hemm xi ħsieb dwarhom, u huma ma kellhomx aktar x'jaqsmu mas-suġġett meta mijiet ta' snin wara, ippubblikaw lista ta' kotba li rċevew bħala kanoniċi, mill-Konferenza ta' ministri Metodisti li kellhom, meta, fl-Artikli tal-Fidi tagħhom, ippubblikaw l-istess lista ta' kotba bħala kanoniċ jew minn kittieb fuq il-filosofija naturali għandu x'jaqsam mat-tqegħid ta' l-ordni ta' l-univers, meta hu jgħid illi hu jemmen fil-ġibda tal-gravitazzjoni." (Who Made the New Testament? Bos-ton, Mass: H.L. Hastings, *Scriptural Tract Repository*, 188, pp. 10-11.)

L-appostlu Pawlu għandu jkun muri, huwa indika li l-epistoli kienu qegħdin jiċċirkolaw (Kolossin 4:16).

Aħna ma naċċettawx it-Testment il-Ġdid, jew it-Testment il-Qadim fuq l-awtorità tal-Knisja Kattolika Rumana jew ta' xi knisja oħra. Minflok, aħna naċċet-taw dawn id-dokumenti tat-Testment il-Ġdid għaliex huma kienu mogħtija permezz ta' nies ispirati *fl-ewwel seklu*.

4. **Ir-raba',** *il-knisja mhijiex l-omm tal-Bibbja*. Minflok, il-Bibbja, il-Kelma ta' Alla, oriġinat ma' Alla; u kienet mogħtija lil l-appostli u l-profeti b'ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu, u huma taw din il-kelma lill-knisja. Ċertament, l-appostli u l-profeti kienu membri tal-knisja. Iżda l-Bibbja oriġinat ma' Alla u kienet mogħtija lill-knisja. Ġesù qal li l-Ispirtu s-Santu kellu jiggwida lil xi wħud fil-verità kollha (Ġwanni 14:26; 16:12-14). L-Ispirtu s-Santu beda dan ix-xogħol fl-ewwel Pentekoste wara l-qawmien ta' Kristu. Huma tkellmu f'ilsna oħra kif l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu (Atti 2:4, 6, 8, 11). Iggwidati mill-Ispirtu s-Santu, Pietru waqaf mal-ħdax u ppriedka l-Kelma ta' Alla lill-poplu (Atti 2:14, 22, 29, 32, 36). In-nies kienu kkonvinċuti, huma riedu li jkunu jafu x'għandhom jagħmlu u l-kliem ta' l-appostli ispirati qalulhom x'għandhom jagħmlu. Dawk li laqgħu l-kelma bil-ferħ kienu mgħammdin (Atti 2:38, 40, 41). U huma komp-lew bis-sħiħ "*fit-tagħlim ta' l-appostli*" (Atti 2:42). Il-kliem ta' l-appostli, kemm oralment jew mitkub, kien awtorevoli (1 Korintin 14:37; 1 Tessalonikin 2:13; 2 Tessalonikin 2:15; 3:6, 10, 12, 14). Fi kliem ieħor, *il-knisja ma oriġinatx il-Kelma ta' Alla*, il-knisja mhijiex l-omm tal-Kelma; pjuttost, il-Kelma kienet mogħtija lill-knisja permezz ta' nies ispirati!

5. **Il-ħames**, *il-Papa Piju XII jaqbel magħna illi l-kelma kienet mogħtija lill-knisja u li l-knisja ma tagħtniex il-kelma f'dak li l-knisja ma oriġinatx*. Hu kiteb hekk:

> “Fiż-żmien tagħna il-Kunsill tal-Vatikan, bil-ħsieb li jikkundanna duttrini foloz dwar l-ispirazzjoni, iddikjara li dawn l-istess kotba kellhom ikunu meqjusa mill-Knisja bħala sagri u kanoniċi “*mhux għaliex, kienu miġbura permezz ta’ industrija umana, jew għaliex dawn kienu wara approvati bl-awtorità tagħha, lanqas sempliċiment għaliex fihom kellhom rivelazzjoni mingħajr żball, imma għaliex, kienu ġew miktuba taħt l-ispirazzjoni ta’ l-Ispirtu s-Santu, huma għandhom lil Alla bħala l-Awtur tagħhom, u b’dan il-mod huma kienu mogħtija lill-Knisja nfisha*” (Divino Afflant Spirtu, Encyclical Letter on Promotion of Biblical Studies, Washington: *National Catholic Welfare Conference* 1312, Massachu-setts Avenue, N.Y., p. 4).

Aħna wkoll nirrikkmandaw il-kliem ta’ Piju XII meta qal:

> “Dan l-awtur tas-salvazzjoni, Kristu, ikunu n-nies aktar jafu, iħobbuh aktar bil-ħrara u aktar jimitawh fedeltament fi proporzjon hekk kif huma jkunu bid-diliġenza mġiegħla ħalli jkunu jafu u jaħsbu fl-Ittri Sagri, speċjalment it-Testment il-Ġdid, għax, kif San Glormu, id-Duttur ta’ Stridon jgħid: ‘*Li tinjora*

*l-Iskrittura huwa li tinjora lil Kristu wkoll. Jekk hemm xi ħaġa f'din il-ħajja li żżomm raġel għaref u ġġiegħelu biex iżomm is-serentià tiegħu f'nofs it-tribu-lazzjonijiet u l-kuntrajetà tad-dinja, din hija fl-ewwwel post, jiena nikkunsidra, il-meditazzjoni u l-għarfien ta' l-Iskri-ttura*'" (Ibid., p. 25).

6. **Is-sitta.** *Dawn il-ħwejjeġ aktar joħorġu fil-beraħ illi l-knisja għandha tkun ippruvata permezz tal-Kelma ta' Alla, u mhux permezz tal-knisja.* F'Ġerusalem, imxiet il-knisja skond l-ideat tagħha stess, jew kienet immexxija permezz tad-dottrina ta' l-appostli ispirati? Aħna nafu li huma komplew fit-tagħlim (dottrina) ta' l-appostli (Atti 2:42). Kien x'kien dak li xi wħud f'Korintu ħasbu li kien sewwa, huma kellhom jagħrfu illi Pawlu kien sewwa fit-tagħlim tiegħu (1 Korintin 14:37). *Il-Kelma ta' Alla hija ż-żerriegħa tas-Saltna*. Ġesù hekk qal (Mattew 13:19; Luqa 8:11-15). Kienet il-Kelma ta' Alla, irrivelata mill-Ispirtu s-Santu lill-ap-postli u l-kittieba l-ispirati l-oħra, u mbagħad permezz tagħhom u ta' oħrajn, *li wriet* li Ġesù kien qiegħed isaltan fil-lemin ta' Alla, u li b'hekk is-Saltna kienet bdiet (Atti 2:30-36). Kienet il-Kelma ta' Alla li qalet lin-nies *x'għandhom jagħmlu*, u kienet il-Kelma ta' Alla li huma rċevew u obdew, u kienet il-Kelma ta' Alla li fiha huma komplew (Atti 2:37-42).

7. **Is-seba'**, *imma xi ħadd jistaqsi: "Ma kinetx il-knisja fl-eżistenza qabel mat-Testment il-Ġdid kien miktub?* Iva, kienet. Imma l-knisja ma kinetx fl-eżis-

tenza qabel ma l-Kelma ta' Alla kienet fl-eżistenza! Aħna għandna niftakru li l-Kelma kienet l-ewwel irrivelata lill-appostli, u mbagħad il-profeti, u li huma l-ewwel lissnuha u wara kitbuha. Imma din kienet *l-istess* Kelma kemm jekk miktuba jew imlissna (qabbel 2 Tessalonikin 2:15). *Kif kienet tista' s-saltna teżisti qabel il-Kelma, meta l-Kelma hija* ***ż-żerriegħa*** *tas-saltna?* (Luqa 8:11; Mattew 13:19). Tista' xitla titla' jew tinbet qabel maż-żerriegħa tkun miżrugħa? Mhux il-Kelma kollha kienet irrivelata f'mument wieħed; per eżempju, kollox ma kienx irrivelat f'Pentekoste. Fid-dar ta' Kornelju, xi veritajiet kienu magħmula ċari daqs il-kristall lill-knisja li ma kinux f'Pentekoste jew għal xi żmien wara dan. Kliem l-appostlu Pietru jurih dan fejn qal:

> "***Issa tassew qiegħed nifhem*** *li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd*" (Atti 10:34; enfasi tiegħi).

Ukoll Pawlu, meta jitlellem dwar il-profeziji, ilsna, għerf, eċċ., huwa jgħid hekk,

> "*L-imħabba ma tintemm qatt. Igħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna, igħib il-għerf.* ***Għalissa nafu biċċa****, u l-profezija tagħna* ***hi nieqsa****; imma meta jfeġġ dak li hu* ***sħiħ*** *[perfett; teleios] igħib dak li hu* ***nieqes***" (1 Korintin 13:8-10).

Illum aħna għandna "dak li hu "sħiħ" jew "perfett" u dan jgħidulna Ġakbu b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu,

> "*Imma dak li jagħarbel sewwa l-**liġi perfetta tal-ħelsien**, u jżomm sħiħ magħha, ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda jkun wieħed li jagħmilha; hieni dan fil-għemil tiegħu*" (Ġakbu 1:256

L-iskop ta' l-ilsna, profeziji u għerf li kienu mogħtija mill-Ispirtu s-Santu kien għaliex il-Kelma ta' Alla, l-Iskrittura Mqaddsa, kienet għadha mhix sħiħa, perfetta, kompluta għalkollox. Issa aħna għandna "l-liġi *perfetta* tal-ħelsien" u ma hemmx aktar il-ħtieġa li wieħed jitkellem bl-ilsna, jew li jipprofetizza jew li jkollu l-għerf mogħtija mill-Ispirtu s-Santu ħalli juri li dak li hu qiegħed igħid ġej minn Alla u mhux mill-bniedem. Billi l-knisja fl-ewwel seklu kellha l-appostli u l-profeti *ispirati*, huma ma kellhomx il-Kelma miktuba biex jibdew biha. Imma l-appostli u l-profeti kellhom li jmutu, għalhekk kien importanti li l-Kelma tkun miktuba ħalli aħna jkollna l-Kelma ta' Alla wara t-tluq tagħhom. Ġwanni dan jgħidu ċar fejn naqraw fil-Vanġelu tiegħu,

> "*Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li ma humiex imniżżla f'dan il-ktieb. **Iżda dawn inkitbu** sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija Bin Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu*" (Ġwanni 20:30, 31).

Ħdax-il darba l-appostlu Ġwanni qal li kien qiegħed **jikteb** u mhux **igħid** fl-ittri tiegħu. (Ara 1 Ġwanni

1:4; 2:1, 7, 8, 12, 13, 14, 26; 5:13.) L-appostlu Pietru ta ħsieb bħal dan fejn naqraw fit-Tieni Pietru 1:12-15,

> "*Għalhekk jien bi ħsiebni nibqa' dejjem infakkarkom fuq dawn il-ħwejjeġ, għalkemm tafuhom u intom sħaħ fil-verità li hi fikom. Jidhirli li hi ħaġa f'lokha li, sakemm jien f'dan il-ġisem, inżommkom imħeġġin billi nibqa' nfakkarhom; għax jien naf li dalwaqt ikolli nħalli dan il-ġisem, kif għarrafni Sidna Ġesù u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu. Imma rrid nieħu ħsieb li,* ***wkoll wara li nkun tlaqt****, intom tibqgħu tiftakru kull ħin f'dawn il-ħwejjeġ!*" (aqra versi 20 sa 21).

8. **It-tmienja,** imma xi wħud forsi jgħidu jew jistqsu, "*Biex kienet il-knisja iggwidata qabel mat-Testment il-Ġdid kien miktub?*" Il-knisja kienet diġa' iggwidata permezz tal-Kelma ta' Alla. L-ewwel, din il-Kelma kienet orali, imbagħad kienet miktuba u orali, u issa din hija mituba biss għaliex aħna m'għandiex nies ispirati llum. L-appostlu Pawlu jagħti din it-twissija:

> "*Dan kollu, ħuti, għedtu għalija u għal Apollo minħabba fikom, biex minna intom titgħallmu x'jiġifieri: '****Mhux iktar milli hemm miktub****', ħalli ħadd minnkom ma jintefaħ b'wieħed kontra l-ieħor*" (1 Korintin 6:4).

Il-mudell għall-knisja kien dejjem l-istess; jiġifieri, dan dejjem kien il-Kelma ta' Alla (ara Galatin 1:6-9; 2 Ġwanni 9-11; Apokalissi 22:18, 19). Dak li Alla qal, kien dejjem il-qies fid-dawl li bih il-knisja kellha tiġġudika l-fidi u l-kondotta tagħha. Għalhekk in-nies f'Pentekoste (Atti 2), irċevew il-kliem ta' Pietru u l-appostli l-oħra (Atti 2:37, 42), wara li huma tgħammdu fi Kristu komplew sodi fit-tagħlim jew fil-kelma jew fid-dottrina ta' l-appostli (Atti 2:42). Għalkemm mhux il-kelma kollha kienet irrivelata f'salt, il-knisja kompliet, madankollu, ħafna kien irrivelat lilhom fi żmien mogħti. Meta aktar kien irrivelat, huma aċċettawh għall-istess raġunijiet illi huma kienu aċċettaw il-Kelma qabel. Huma aċċettawh għaliex din kienet minn Alla. Fl-aħħarnett, il-verità kollha kienet irrivelata, jew inkella, il-wegħda ta' Ġesù waqgħet (Ġwanni 16:12-14) u l-knisja għaddiet mingħajr il-verità kollha! Bażikament, il-mudell dejjem kien l-istess, jiġifieri, dak li Alla irrivela.

9. **Id-disa'**, xi ħadd issuġġerixxa: "*...Il-veru knisja għandu jkollha prova ta' l-eżistenza tagħha mill-knisja ta' l-ewwel seklu.*" Għal dan, huwa jara l-knisja ta' Kristu ġejja mill-Bibbja matul iż-żmien ta' xi persuna bħala l-fundatur tagħha. Dan igħid li l-knisja kienet hawn qabel il-Bibbja (li huwa tassew) għalhekk il-Bibbja ħarġet mill-knisja u hija ktieb ta' riferenza, l-awtorità hija l-knisja u mhux il-Bibbja!"

a) Kif diġa' rajna, il-knisja mhijiex l-omm tal-Bibbja. Li tgħid li l-knisja hija l-awtorità u mhux il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, huwa li tgħid li l-knisja hija l-awtorità u mhux il-Kelma ta' Alla, *iż-*

*żerriegħa tas-saltna, **iż-żerriegħa li tipproduċi lill-knisja!*** Iżda l-knisja għandha timxi permezz tal-Kelma ta' Alla (ara Atti 2:42).

b) Aħna diġa' wrejna li l-knisja ma kinetx qabel il-Kelma ta' Alla għalkemm hija eżistiet qabel mat-Testment il-Ġdid *inkiteb*.

ċ) Il-knisja, fis-sens tal-ħakma ta' Kristu, kienet mibnija minn Alla Nnifsu meta Hu poġġa lil Kristu fuq il-lemin Tiegħu biex isaltan, u għarraf lid-dinja dwar dan il-fatt fl-Ewwel Pentekoste wara l-qawmien ta' Kristu (Atti 2:34-36; Lhud 1:3, 13; Efesin 1:19-23). Din il-ħakma ta' Kristu kompliet. U għandha tkompli sakemm issir ir-rebħa fuq l-aħħar għadu, il-mewt (Atti 2:34-35; 1 Korintin 15:24-28; Apokalissi 20:9-15). Il-knisja jew il-ħakma ta' Kristu kienet fl-eżistenza sa minn dak iż-żmien. Din teżisti wkoll għalkemm kongregazzjoni tista' ma tkunx teżisti f'ħin mogħti jew f'post. Dak li rrid infisser huwa dan: Wieħed hu mgħa-mmed fi Kristu (Galatin 3:26-27), huwa għalhekk ikun imwieled mill-ġdid u l-Mulej iżidu fil-Knisja (Ġwanni 3:1-5; Atti 2:47). Huwa mgħammed fil-knisja li hija l-ġisem ta' Kristu (Efesin 1:22, 23). Imma l-ewnuku ma kienx mgħammed f'kongregazzjoni viżibbli, għaliex hemm ma kien hemm ebda waħda fit-triq għal Gaża (Atti 8:26-39). Il-knisja bħala s-saltna ta' Kristu, bħala l-ġisem universali Tiegħu, eżistiet sa mill-ewwel Pen-tekoste. Kull min kien twieled mill-ilma u mill-ispirtu jiġifieri, kull min kien midfun ma' Kristu u mqajjem Miegħu bil-magħmudija, (Rumani 6:3-5) jidħol f'dik il-knisja jew fil-ġisem, huwa jibda jgħid ħajja ġdida. Meta

tarbija titiwieled, hija tibda ħajja ġdida barra minn ġuf ommha. Meta persuna titwieled mill-ġdid permezz tal-magħmudija, hija tibda ħajja ġdida barra mis-saltna tad-dlam u fis-saltna ta' l-Iben il-maħbub ta' Alla, il-knisja (Ġwanni 3:5; Rumani 6:4; Kolossin 1:13; Mattew 16:18, 19).

d) Iżda, kongregazzjonijiet huma ffurmati b'riżultat tal-predikar tal-Kelma ta' Alla. U għalhekk dawk f'Pentekoste li obdew l-Evanġelju kienu miġjuba fi Kristu. Imma huma wkoll iffurmaw kongregazzjoni, u din il-kongregazzjoni kienet maħluqa permezz tal-predikar tal-Kelma, u permezz ta' l-ubbidjenza tagħhom għaliha. U huma komplew qawwija fil-Kelma ta' Alla (Atti 2:37-42). Kif kienet il-knisja f'Korintu, biex nieħdu eżempju ieħor, imwaqqfa? Din kienet imwaqqfa permezz tal-predikar u ta' l-ubbidjenza għall-Kelma (Atti 18:4, 5, 8, 11). Għalhekk, il-Kelma kienet iż-żerriegħa tas-saltna u dawn il-kongregazzjonijiet ħarġu mill-Kelma ta' Alla. Fi kliem ieħor, huma kienu r-riżultat ta' nies jisimgħu u jobdu l-Kelma. U l-unika Kelma ta' Alla li aħna għandna llum hija l-Bibbja Mqaddsa u xejn aktar! Il-bnedmin jippruvaw iżidu tagħlim ieħor magħha imma jekk wieħed jaqra t-twissijiet ħorox li Alla jagħti fil-Kelma Tiegħu għal kull min jagħmel dan, dan lanqas biss ma jipprova jaħseb dwar dak it-tagħlim miżjud mill-bnedmin! (Ara Dewteronomju 4:2; 22:32, (23:1 fil-Bibbja Kattolika); Galatin 1:6-9; 3:15; 2 Ġwanni 9-11; Apokalissi 22:18, 19).

Meta din il-Kelma tkun ippriedkata, u persuni jobduha, kongregazzjonijiet jitwaqqfu l-istess kif dawn

kienu fi żmien l-appostlu Pawlu. Ebda bniedem ma oriġina l-Kelma ta' Alla, u ebda bniedem ma oriġina s-saltna ta' Alla, il-knisja Tiegħu. Il-bniedem sempliċi-ment jippriedka l-Kelma ta' Alla u jiżra' ż-żerriegħa tagħha fil-qlub tan-nies u hekk kif jisimgħuha u job-duha huma jiffurmaw kongregazzjonijiet, knejjes ta' Kristu (Ruman 16:16). Imma l-ġisem universali ta' Kristu beda fl-ewwel Jum ta' Pentekoste wara l-qaw-mien ta' Kristu, u għalhekk, **ħadd** ma sata' jwaqqaf il-knisja f'dak is-sens! Imma permezz tal-predikar tal-Kelma aħna nistgħu nwaqqfu kongregazzjonijiet jew knejjes ta' Kristu!

e) L-appostlu Pawlu wera li l-bnedmin jitbiegħdu mill-fidi (1 Timotju 4:1-3; 2 Tessalonikin 2). Li tittraċ-ċja lura sinjali ta' kongregazzjonijiet mil-lum għall-jiem ta' l-appostli *ma jippruvax* li l-kongregazzjonijiet illum jgħallmu dak li kien mgħallem fl-ewwel seklu. Il-Lhud setgħu jittraċċjaw lura għal Mosè u għal Abraham imma dan ma jippruvax li huma żammew għal dak li Mosè għallem! Pjuttost, ħafna minnhom ġabu l-Kelma ta' Alla fix-xejn (Mattew 15:1-6; Mark 7:8-9). L-unika triq biex tipprova jekk aħniex membri tal-knisja ta' l-ewwel seklu, li naqraw dwarha fil-Bib-bja Mqaddsa, mhijiex li tittraċċja lura linja, *imma li tipprova l-fidi u l-kondotta tagħna permezz tal-Kelma ta' Alla*. Jekk inkunu għamilna dak li għamlu fl-ewwel seklu biex isiru Kristjani, Alla jkun żiedna fil-knisja Tiegħu (Atti 2:47). U jekk aħna qegħdin fil-knisja Tiegħu għandna nkomplu fis-sħiħ fit-tagħlim (dottrina) ta' l-appostli (Atti 2:42). L-unika għajn li aħna għand-na ta' din id-

dottrina tinsab fil-Bibbja. Kien hemm xi xorta ta' kongregazzjoni jew kongregazzjonijiet f'Ru-ma mill-jiem ta' l-appostli; imma l-uniku mod biex tiddeċiedi min qiegħed igħallem il-Kelma ta' Alla llum f'Ruma huwa li tittestja dak li huma jgħallmu permezz tal-Kelma ta' Alla, permezz "*tal-fidi mogħtija darba għal dejjem lill-qaddisin*" (Ġuda 3; Atti 17:11).

Dak li aħna għandna bżonn illum huwa: l-ewwel, il-ħamrija li tilqa' tal-qalb; u t-tieni, il-Kelma ta' Alla, iż-żerriegħa tas-saltna (Luqa 8:11-14). Meta din tkun milqugħa u obduta, aħna nkunu mdaħħla fis-saltna ta' Alla (Kolossin 1:12-13). U fis-saltna ta' Alla aħna għandna nimxu permezz tar-rieda tas-Sultan; liema rieda kienet irrivelata permezz ta' l-appostli u l-profeti ta' l-ewwel seklu.

L-appostlu Pawlu jgħidilna li:

> "*...il-fidi tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu*" (Rumani 10:17).

L-appostlu Ġwanni jgħid dwar l-iskop ta' dak li huwa **miktub** fl-Iskrittura Mqaddsa:

> "*Dan **ktibtu** lilkom, li temmnu fl-isem ta'l-Iben ta' Alla **biex tkunu tafu** li intom għandkom il-ħajja ta' dejjem*" (1 Ġwanni 5:13; enfasi tiegħi).

Minn dan wieħed jara ċar kemm hija falza l-premessa li tgħid li l-Knisja hija l-omm tal-Bibbja!

L-Ispirtu s-Santu jwissina, permezz ta' l-appostlu ispirat:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

U permezz ta' l-appostlu Ġwanni jgħidilna:

> "*Għeżież, mhux lil kull xorta ta' spirti għandkom temmnu. L-ispirti stħarrġu-hom, biex taraw ikunux ġejja minn Alla; għax kienu ħafna l-profeti foloz li ħarġu fid-dinja*" (1 Ġwanni 4:1, 2).

Dan wieħed jista' jagħmlu biss billi: "jqalleb fl-Iskrittura biex jara jekk dak li jisma' jkunx minnu jew le" (Atti 17:11).

Jalla aħna nħajruk biex issir Kristjan, xejn aktar, xejn inqas. Għamel dan illum!

Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew: www.churchofchristmalta.com